

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) moqri flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) moqri flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Jannar 2018 – Addiko Bank vs EUIPO (STRAIGHTFORWARD BANKING)

(Kawża T-9/18)

(2018/C 072/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorreni: Addiko Bank AG (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentant: A. Seling, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża: it-trade mark verbali tal-Unjoni “STRAIGHTFORWARD BANKING” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 133 449

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Ottubru 2017 fil-Każ R 1090/2017-2

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 2017/1001;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Jannar 2018 – Zweirad-Center Stadler vs EUIPO – Triumph Designs (Triumph)

(Kawża T-12/18)

(2018/C 072/61)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorreni: Zweirad-Center Stadler GmbH (Regensburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Ruess u A. Doepner-Thiele, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Triumph Designs Ltd (Swadlincote, ir-Renju Unit)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni “Triumph” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 6 717 672

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Novembru 2017 fil-Każ R 665/2017-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tiċħad l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni għall-prodotti fil-klassijiet 9, 12 u 25;
- tiċħad l-oppożizzjoni fl-intier taġġha u tawtorizza r-reġistrazzjoni tat-trade mark għal dawn il-prodotti jew, sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-EUIPO sabiex jadotta l-miżuri neċessarji;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.
-